MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru. 65/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Chanel Buttigieg**

Numru 65/14

Illum 7 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Chanel Buttigieg**, ta' tmintax-il (18) sena, bint Alan u Corrine Catherine

Pauline neé Muscat, imwielda Rabat (Ghawdex), nhar it-23 ta' Mejju 1995, residenti Villa Coral, Triq ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 24995(G), akkuzata talli nhar id-9 ta' Novembru 2013 u fil-granet u xhur ta' qabel gewwa Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, f'hinjiet differenti:

1. kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8 (d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*), kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat iz-zewg Kunsensi tal-Avukat Generali li gew immarkati bhala Dok. "C" u "D".

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha, l-istqarrija rilaxxata minnha, u l-fedina penali (Dok. "B") taghha (li hija wahda kompletament nadifa).

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-

1985 kif emendat issib lill-imputata Chanel Buttigieg hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u l-affarijiet relatati maghha mmarkati bhala Dok. "FT 2" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi ordnata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------